# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL ĠIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Ġiebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

35. | 1 ta' MEJJU 1909. | L-EUUEL SENA



FTEHIM.

Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa u jiena nŭieġbu. In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll. Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn iħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sitt xhur b'xejn; min isieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc. ecc.


## L-ILSIEN MALTI.

Il Partit Nazzjonali għad irid jati cont lil poplu malti ta'd-dnub icreħ li għamel contra tiegħu billi dejjem ħadem u ħabrec biex jekridlu l-actar ħaġa għażiża li għandu—il-lingŭa maltija billi ŭaħħal f'rasu li il lingŭa ta'l pajjis hi l-ilsien taljan.

Meta lil poplu tekridlu il-lingŭa tiegħu tcun ħadtlu dac il privileġġ cbir li bih jista jgħaddi f'id-dinja bħala nazzjon; u għaldakstant jecc irid icun tasseŭ partit "nazzjonali" hemm bżonn li l-eŭŭel ħaġa li għandu jgħożż tcun il-lingŭa li hi ir-ruħ ta' cull nazzjon.

Daŭc li jgħidu li il lingŭa taljana hi l-ilsien ta'l pajjis ma hix ħlief ħolma ta' rashom; l-ilsien taljan hi il-lingŭa ta'l Krati u ta'l educazzjoni tagħna iżda il-lingŭa ta'l pajjis hi il maltija għaliex biha nitħaddtu u lilha irdajna ma' ħalib omnna.

Mela f'il ħin li jaħdmu biex ma' jħallux tinkered u tintrifes il-lingŭa taljana bħala tifchira ta'l Istorja tagħna, ma għandhomx iżebilhu ilsien ommhom li għad li tŭieldu f'din l-art ma' jafux forsi b'iż-żejjed chemm hu sabiħ u ta' ħtieġa għal min jistudja.

Għaldakstant jidhirli li naksu ħafna l-Avucat Mercieca u is-Sur Cicc Azzopardi meta makdru f'il Consill it-tagħlim fl-ischejjel ta'l ilsien malti. Chiecu haŭn Malta chellna il-ligi bħal ma hemm f'pajjisi oħra li it-tfal għandhom jibkgħu fl-ischejjel sa jitgħallmu l-inglis jeŭ it-taljan seŭŭa chien forsi icollhom xi ftit ta'r-raġun; iżda meta ma għandniex għad, b'għajb cbir tagħna, dina il-ligi u it-tfal ta'l campanja joħorġuhom m'il iscola malli jibdgħu jitfarfru u ma jilħkux jitgħallmu seŭŭa ilsien barrani, hu ħafna aħjar li ŭieħed igħallimhom ftit malti seŭŭa ħalli għallankas icunu jistgħu jakraŭ xi ħaġa u jitgħallmu m'il ħafna cotba li illum għandhom, u jecc jitgħallmu b'ilsna oħra icunu jafu b'ilsien ommhom ucoll.

Haŭn min meta tgħidlu hecc jibda jidħak u jŭieġbe li dana ma hux ħlief ħala ta'ż-żmien u li dana it-tagħlim ma fih l-ebda fejda.

Le m'hux hecc għaliex l-ilsien malti jecc ma hux ta' ħtieġa cbira għal ċummerċ iżda billi hu il-lingŭa li kiegħda tgħakkad l-Eŭropa ma' Lvant; u l-ilsna arjani ma' l-ilsna xemin hi ta' ħtieġa cbira għal daŭc li jridu jitgħallmu l-ilsna xemin li illum huma imfittxa ħafna, tant li chif għedna f'il Germanja għamlu cattedra ta'l malti biex iŭittu it-triek għal daŭc li jridu jinnegozjaŭ jeŭ jivvjaġġaŭ f'il Lvant.

Barra minn dan jecc aħna kiegħdin inħambku biex ma jekirdulniex il-lingŭa taljana għaliex hi tifchira għażiża fl-istorja ta'ċ-civiltà tagħna, jidhirli li il malti hu monument acbar u actar għażiż; għaliex jecc l-ilsien taljan ifaccarna li chellna x'naksmu ħafna ma'l iskallin u ma'n-naplitani; l-ilsien malti jfaccarna li aħna in-nisel ta'l Fenici, l-actar nazzjon ħaŭtiela u kalbiena ta'ż-żmienijiet l-imgħoddija.

"Monument li ma jmut katt" sejjaħ lil malti id-Dr: Giuseppe Zammit fl-opra tiegħu fuk il Fenici f'Malta u "monument ta' min ifaħħru u ta min igħożżu għal kdumija cbira tiegħu" kal li hu il għaref orientalista Michel Anġ Vassalli f'il "Mylsen" tiegħu.

Il cbir Mezzofante, li chien jaf 135 lingŭa u 54 djalett xejn ma stmerr li jitgħallem il malti ucoll u bih tchellem, fl-1842, ma'l Canoncu Amato u faħħru ħafna.

Faħħruħ ucoll il għaref Cardinal Wiseman, billi kal li fih sab il kofol ta'l ilsien lhudi, u it-tifsir ta' ħafna cliem

m'is-Sagra Scrittura li ma tantx jiftiehem malajr b'ilsna oħra; bħal ma faħħruh ucoll ħafna il Cardinal Howard għal ġmiel tiegħu, u il Prof: Assemanni ta's-"Sapienza" ta' Ruma; u f'Malta ħafna li ma jafux x'tisŭa dina il-lingŭa jatuha b'issiek.

Dana l-ilsien studjaŭh u chitbu fuku ħafna għorrief maltin u barranin. L-eŭŭel ŭieħed chien il Gesŭita Ribera de Gattis (Gatto), malti. Dana ġabar m'il aŭturi antichi ħafna cliem cartaginis u ŭera li colu jinsab f'il malti.

Il Prof: ta'l Lingŭi Orientali. G. E. Majo ŭera li f'ilsien malti għad fadal ħafna m'il feniċju; u l-istess kalu daŭc l-ingliżi għorrief li fl-1737 chitbu l-Istorja ta'd-Dinja.

Il Canoncu F. Agius De Soldanis ŭera li il malti ma chienx ħlief il tdal ta'l lingŭa punica (feniċja); u b'il malti fisser l-eŭŭel xena ta'l ħames att ta'l cummiedja ta' Plaŭtu li hi mictuba b'il punicu bili ħadd ma sata jfissirha b'ilsna oħra; u il Professur tedesc J. J. Bellarman chiteb l-istess.

Hecc ucoll kalu Quintinu, Hervasio Hispano, Vallenceio Hiberno. M. A. Vassalli, Mons: O. Bres, u il Canoncu S. Cumbo; u dan l-aħħar kal hecc ucoll il mibchi minn cullħadd A.E. Caruana fl-opra imfaħħra tiegħu "Origine della Lingua Maltese."

G. B. Tebaldi li chien gie haŭn fl-Assedju il Cbir ta'l 1565 ħalla mictub li il maltin chienu jitchellmu bi lsien actarx feniċju u jgħidu bħalu Fazello, Bosio, Briezio, Tychsen, G.A. Micallef, u Fallot f'in-"Nouvelle Revue," u għad li il Gesenius ried igħid li il malti gej m'il għarbi ŭara intebaħ li chien tkarrak.

U chiecu nifmuha ucoll bħal Cluverio, Abela, il Conti Ciantar, il Cardinal Ciasca, u il Prof: G. A. Vassallo li il malti hu in-nisel ta'l għarbi hu ucoll gieħ cbir għalina meta ŭieħed jakra l-Istorja u jara chemm chienu nies għorrief u kalbiena il għarab fiż-żmienijiet l-imgħoddija.

B'dana l-ilsien chitbu daŭn li sejrin insemmu u li huma collha nies intelligenti għallankas daks xi nazzjonalisti: il Can: L. Mifsud-Tommasi, R. Taylor, il Can: S. Cumbo, il Can: Panzavecchia li chien Rettur ta'l Università, M. A. Vassalli, il Prof: G. A. Vassallo, Patri Alfons Micallef Capuċcin, is-Sur Napuljun Tagliaferro I.S.O u Rettur ta'l Università, G. Muscat-Azzopardi P.L., A. Muscat-Fenech, E. Cachia, De Soldanis, il Cav: A. Ferris, l-aħŭa Mifsud-Bonnici, A. E. Carŭana, P. P. Castagna, G.B. Falzon, il Can: Vella ta' Għawdex, il Can: Vella ta'l Imdina, il Cappillan A. Sisner, il Prof: u Can: E. Vassallo, Dun Xand Cortis, A.M. Galea, it-Tabib Ruggier Serge, il Prof: Gavin Gulia, it-Tabib Ġanni Gulia, it-Tabib G. Borg M.A., it-Tabib Fabriz Borg, il Prof: S. Pisani C.M.G., il Prof: Schembri, il Prof: L. Manchè, S. Frendo de Mannarino, S. Savona, G. Vassallo, l-Arcipriet Xuereb, Patri Vicens Schembri ta'd-Dumnicani, Patri Beneditt Cauchi M. C., in-Nutar Micallef De Caro, il Patri Gesŭita Magri, Annibale Preca u tant oħrajn li da'l mument ma geŭnix f'moħħi.

Mela jecc l-ilsien tagħna ifaccarna li aħna nisel il Fenici u il għorrief collha jgħidulna li il-lingŭa tagħna hi monument għażiż ta' żmien il kdumija, ma jidrilcomx li jcunu kiegħdin jonksu lejn il poplu u lejn art tŭielidhom daŭc collha li jżebilħu dac l-ilsien li xorbu ma ħalib ommhom u li biss għax ma jafuhx seŭŭa u ma jafux x'jisŭa b'ŭiċċhom tost collu jsejjħulu "il-lingŭa ta'l ccina"?

Chellu raġun mela il patriotta intelligenti, il Marchis u Avucat Mattei, li kabeż f'il Cunsill għal l-ilsien malti contra iż-żeblieħ chiefer ta' nazzjonalisti li għalihom l-ilsien ta' Malta għandu jcun biss dac li jitchellmu bih huma f'il Krati.

# Chif miet Xcora.

Da'l ġranet tchellimt ma't-tabib G. F. Inglott, li chif cŭllħadd jaf chien hemm meta neħħeŭ lil Ninu Xcora u dana fehimni ħaġa b'ħaġa chif ġrat il meŭt tiegħu u kalli biex ingħid li dac li kalli hu imħejji biex jixdu ucoll taħt ġurament. Dana ma hemm bżonnu xejn għaliex cullħadd jaf li l-onestà tiegħu hi magħrufa ma' Malta collha u għalhecc nistgħu b'għajnejna magħluka nokogħdu fuk dac li kal hu.

It-Tabib Inglott beda biex faħħar, u b'ir-raġun collu, l'it-Tabib Caruana-Scicluna talli gie liebes chif jixrak f'ħaġa bħal dic: igifieri l-isŭed minn fuk s'isfel, b'it-tomna, u bl-ingravata u l-ingŭanti sŭed; ħaġa li ma għamluhiex it-tobba ta' kabel.

It-Tabib Carŭana-Scicluna telak m'il cappella ma'l fratelli, daħal ma Toni f'il camra sa rabtu *Sanfrangisc*, u kagħad f'il krib meta saret il meŭt. Ŭara li messlu il geŭża ta' għonku micsura anzi imfarrca it-Tabib Inglott, it-Tabib Caruana-Scicluna messha ucoll u ra li b'dic il ħsara li chellu (għonku chien iżomm fuk il muscoli biss u rasu chienet tixxengħel u taka minn banda għal l-oħra) il meŭt tiegħu chellha issir ħabta u sabta.

It-Tabib Inglott u it-Tabib Pullicin kagħdu ma'l cadavru imdendel għal siegħa igħidu il għasar ta'l mejtin, ħalleŭh u niżżluh huma, eżaminaŭh b'ir-rekka collha bħalha fratelli, gismu chien iebes, kalbu chienet ħiemda għal collox, fi ftit cliem collox chien juri li Toni chien mejjet tasseŭ. Imbagħad it-Tabib Caruana-Scicluna għamel l-eżami hu flimchien ma't-Tobba Said u Baldacchino, u it-Tabib Inglott sgurani li damu f'dana l-eżami għal tliet qŭarti ta' siegħa !

Dana juri b'iċ-ċar li l-eżami sar b'ir-rekka collha u m'hux chif kal "ir-Risorgimento" li it-Tabib Caruana-Scicluna baża m'il cadavru; u għalhecc fuk il meŭt ta' Toni ma jista jcun hemm l-ebda dubju.

Frattant li chiecu ma tchellmitx in-"Naħla" dic ix-xniha chienet tibka tiġri, ir-"Risorgimento" chien jibka jinkara fostna u barra minn Malta ucoll u cullħadd chien jibka b'il fehma ħażina li it-Tobba Caruana-Scicluna, Said u Baldacchino ma kdeŭx dmirhom seŭŭa u li għa't-trascuraġni difnu bniedem ħaj.

B'hecc sar id-daŭl u nafu is-seŭŭa liema hu u darb'oħra min icollu jakla xi ħaġ'oħra minn żniedu jeŭ jiblaħħa bla ma jomgħodha jokgħod attent għaliex jara li iż-żejt jitla f'ŭiċċ l-ilma u li il ghideb għomru kasir.

Ftacru ucoll li jiena ma ridtx b'dac li ctibt nuri li lil Xcora difnuh ħaj; biss ridt nara jecc li kal ir-"Risorgimento" chienx minnu jeŭ le; u irnexxejt. Għaldakstant jiena ma chellix x'inkis kabel nakta; għaliex jiena ma ktajt xejn, jiena biss ridt li titkankal d'il biċċa biex naraŭ il ħati min hu u ħalli jieħu lezzjoni seŭŭa biex ma jokgħodx jakla minn żniedu nases coroħ bħal daŭn. Għamilt forsi xi ħaġa ħażina billi klajt il mascra minn ŭiċċ min chien moħbi biex jitfa it-tajn fuk l-isem ta' nies ta'l professjoni rispettabbli? Forsi hu seŭŭa li anche jecc ħaġa tcun taf li ma hix minnha tħalliha tiġri baxx baxx u tagħmel ħsara? M'hux aħjar li il lifgħa tisħkilha rasha darba għal dejjem ?

Jiena għallankas ma għedtx li difnuh ħaj, għedt biss li għandu jsir id-daŭl fuk dina l-accuża cherha u id-daŭl sar.

Ma chienetx tcun ħaġa seŭŭa chiecu jiena għedt li difnuh ħaj bla ma ŭżint tajjeb kabel, iżda jiena dana ma għedtux. Forsi ma intebaħx cullħadd b'il punt ta'l mistoksija fl-isem ta'l articolu tiegħi ? Tafu xejn li kabel ma ħriġt l-eŭŭel articolu mort għand it-Tabib Agius biex nara xi provi għandu

u li dana sgurani li it-tabib li kallu chif ġrat il meŭt ta' Xcora chien tabib rispettabbli ħafna?

Jidrilcom li hu seŭŭa li meta chien kiegħed jintrifes l-isem innocenti ta' ħafna tobba rispettabbli u ta' fratellanza sħiħa chelli niscot bla ma nfittex li tittrionfa il verità? M'hux jiena li nissilt il mibegħda contra min chien responsabbli billi ridt li jsir id-daŭl, iżda min ried iħalli tibka tinżara il mibegħda contra tagħhom.

Ma jissejjaħx patriottismu m'hux li meta jitkankal xi dubju fuk xi ħaġa li tchexchex ŭieħed jitlob il Gvern li jagħmel inchiesta ħalli naraŭ il ħtija ta' min hi bħal ma għamilt jien, iżda li takla ħafna accużi coroħ u li meta jsejjħulec biex tati il provi ta' dac li għedt tagħmel figura l-actar cherha billi ma tipprova xejn.

Dan hu li ma hux seŭŭa: li ŭieħed fl-istampa ma jgħidx is-seŭŭa jeŭ li meta jgħidu u jitolbuh il provi ma jatihomx. Jiena ma sgurajt xejn, ma ħadt l-ebda responsabiltà ta' dac li kal it-Tabib Agius. Jiena biss ridt li jsir id-daŭl u id-daŭl sar u b'il għamil tiegħi illum sirna nafu min hu il ħati ta' għidba bħal dic. B'is-schiet x'gid chien isir?

X'inhu id-dmir tagħna ta' galantomi nafuh b'iż-żejjed u jidhirli li ctibt b'iż-żejjed ċar biex dac li daħħal ħaddieħor f'ras il poplu inħassru jien.

Mela naħseb li b'dac li għedt s'issa fuk dina il biċċa cullħadd ippersŭada ruħu li it-tobba ma chellhom l-ebda tort għaliex kdeŭ dmirhom seŭŭa; u li permezz ta'n"Naħla" cullħadd sar jaf li dac li kalgħu fuk it-Tabib Caruana-Scicluna u sħabu ma chien minnu xejn.

A. Levanzin.

# Il-libell tiegħi.

Meta dana l-articolu ta' kabel chien ġa compost għal l-istampa u għalhecc dac li fih mictub cont ġa għidtu minn jeddi bħalha galantom u bħalha ŭieħed li ma chelli l-ebda scop li ninġurja jeŭ intabba bl-ebda mod l-isem ta't-tobba li għamlu l-eżami ta'l meŭt ta' Xcora ircevejt taħrica magħmula m'it-Tabib Caruana-Scicluna biex nidher kuddiem il Korti ħalli incun iccastigat talli chif kal hu inġurjaitu bl-articolu li gibt f'in-"Naħla" numru 33. Jiena ġa għedtu minn jeddi li katt ma chelli x'ingħid miegħu u għalhecc ma chelli l-ebda interess li nagħmillu ħsara; l-interess tiegħi biss chien dac li nagħmel id-daŭl fuk accuża cherha li għamillu ir-"Risorgimento" u m'hux jien. Minn jeddi, meta rajt li hu ma chellu l-ebda ħtija ta' dac li gżaħ, kbiżt għalieh u fittixt f'il ġurnal tiegħi, minn jeddi, li inneħħi minn ras il poplu cull dubbju li sata daħħal fuk dina il biċċa. Jidhirli li billi kankalt il biċċa it-Tabib Caruana-Scicluna u it-tobba l-oħra presenti rebħu u m'hux tilfu għaliex b'hecc cullħadd illum jaf li dac li intkal fuk l-eżami ta' Xcora ma chienx minnu. Jiena cont il caġun li ittrionfat l-innocenza tagħhom u b'hecc f'loc li inġurjajthom klajt il mascra lil min chien kiegħed ixerred contra tagħhom accuża l-actar cherha. Jiena tlabt li jsir id-daŭl fuk dic l-accuża cherha u bħalha ġurnalista jidhirli li kdejt biss dmiri meta ma ridtx li tinkara u titŭemmen barra minn Malta u min haŭn u ħafna snin oħra dicerija cherha bħal dic. Jiena ma klajt xejn minn zniedi, jiena ma cont katt għadu ta't-Tabib Caruana-Scicluna u għalhecc ma ctibtx ħlief għaliex bħalha ġurnalista galantom xtakt li jsir id-daŭl fuk ħaġa li tmiss u li tŭaġġa lil cullħadd. M'it-tixŭix tiegħi ma sarx ħlief gid għaliex ittrionfaŭ is-Seŭŭa u l-Innocenza, u għalhecc xejn ma naraha bi cbira jecc nigi iccundannat fuk hecc. Jiena ma klajt l-ebda għidba u jecc kankalt għamiltu m'hux biex nagħmel deni lil ħadd iżda biex nagħmel gid lil poplu billi jcollu id-daŭl fuk ħŭejjeġ li jmissuh f'il laħam il ħaj. Il missioni ta'l ġurnalista onest u galantom hi kalila billi dejjem għandu jfittex li jagħmel id-daŭl fuk dac li jmiss il poplu, u għalhecc dina ma tistax tcun għalija ħlief l-eŭŭel fe ita glorjusa f'il battalja ta'l verità. Sa chemm bniedem meta ikiegħed idu fuk kalbu jħoss li ma għamel l-ebda ħaġa baxxa jeŭ immorali ma għandux għax iħabbel rasu billi jigi kuddiem il ħakk ta'l bniedmin fejn geŭ u sofreŭ daŭc collha li ħadmu għal poplu u ħabbeŭ id-daŭl ta's-seŭŭa.

Mela, nhar il ħamis li gej, f'is-sitta ta' Mejju, f'id-disgħa ta' f'il għodu, (ġurnata cherha li tfaccarna meta il poplu malti, għaliex tkankal għad-drittijiet tiegħu, gie imsaŭŭat b'il ħarxa lembuba) ejjeħ il Korti t'Isfel, tinseŭx, ħalli taraŭ chif jiena f'loc li ridt ninġurja l'it-Tabib Caruana-Scicluna ridt biss li jsir id-daŭl biex il poplu jcun jaf jecc chienx ħati ta' dac li gżah ir-"Risorgimento" jeŭ le, u li f'loc li tilef f'ir-reputazzjoni tiegħu billi kankalt il biċċa, rebaħ ħafna billi illum cullħadd jaf li chien innocenti.

A. Levanzin.

# FRAC.

D'al ġranet deħret poeżija b'it-taljan lil maħbuba Regina tagħna Alessandra li għoġbot lil cull min jifħem u li chitibha iż-żagħżuħ intelligenti Bertu Cesareo bin is-Surmast Paŭlu, li chiteb ucoll ħaina poeżiji sbiħ b'it-taljan. Jalla jatina actar spiss minn daŭn il poeżiji sbiħ.

★

Il bravu Professur Temi Zammit ftit ilu f'is-Sala ta'l Università għamel conferenza u kala it-tifħir ta' cullħadd fuk "Malta Antica." Fuk dan chitbu ħafna aŭturi u l-actar Monsinjur Bres, iżda illum il għorrief, u l-actar it-tedeschi, chixfu ħafna ħŭejjeġ ġodda u għalhecc nistgħu ingħidu li il Fenici ma chienux l-eŭŭel nies li għammru f'Malta. Fuk dan chiteb ucoll m'ilhux iż-żagħżuħ intelligenti Bertu Laferla, u il ħabib tiegħi Ġużè Bosco ta' Costantina u kablu ħafna f'il fehma tagħhom. Daŭna l-istudji fuk l-istorja tagħna jagħmlu gid cbir u l-actar meta jcunu bl-ingliż għaliex juru li iċ-civiltà tagħna hi kadima ŭisk u li aħna imnisslin m'il ġnus l-actar imnebbħin ta'ż-żmienijiet l-imgħoddija.

★

Il Canoncu Dun Vincenz Caruana Gatto da'l ġranet ħareġ ctieb sabiħ ħafna b'it-taljan fuk San Pubbliu, jecc chienx malti jeŭ le u jecc chienx tasseŭ Iskof ta' Ateni. Dana hu xogħol sabiħ u li għalieh l-aŭtur kalleb ħafna cotba, u niħem li irnexxa biex ipprova dac li xtak. Ma ilux stampa ucoll ctieb sabiħ ieħor fuk l-ilsien malti u li intgħoġob ħafna. Dan jigi ħu il gharef Dun Enric Caruana li għal għerf tiegħu chien stmat sa ġo Ruma. Il familja Caruana-Gatto tat ħafna nies intelligenti u it-titolu nobbli li għandhom ħaduh għal għerf ta'l Avucat Gatto li chien irranġa il Codici Rohan. M'il fergħa Caruana chien ħareġ l-Iskof Caruana ta' żmien il Franciżi. Mela scond is-siġra il frott.

★

Nifraħ b'kalbi collha, bħalha malti u bħalha nisrani, lil l-Iskof tagħna Mons: Pietru Pace D. D.. ta'l unur cbir li għamel lilu u lilna ir-Re billi ħatru Cavalier ta'l Ordni ta'r-Regina Vittorja. Fl-Istorja tagħna katt ma intgħata dana l-unur lil l-ebda iskof ieħor u dana il pass ta' min ifaħħru jfisser ħafna billi ūara li il Protestanti dan l-aħħar chitbu ħafna contra tiegħu ir-Re ūera li ma ta l-ebda cas ta't-tlablib tagħhom u bħalha risposta sabiħa ta dana l-unur cbir lil l-Iskof tagħna.

Il għerf ta's-Sultan maħbub tagħna hu cbir ūisk: malli jara sejjer jinbet xi tleūūim jakta ħesrem, u b'hecc il Protestanti jcollhom jerġgħu jidħlu ġo xoxrithom u jħalluna f'darna għal xogħolna. Jalla l-Iskof jgħix ħafna snin oħra biex igaūdi dan l-unur cbir li kala, u li bih l-Inghilterra uriet li tirrispetta is-sentimenti reliġjusi tagħna.

★

Lucrez Zammit ta'l Ħamrun irid ifaħħar lil bravu Tabib Censu Milanes talli fejjak lil l-oħt il mara tiegħu Vittorja Galea minn bronchite u pulmunite kaūūija bħal ma ucoll minn deni tifu li kabadha ftit ġranet ūara.

Jiena u it-Tabib Milanes studjajna flimchien u m'hux biss hu żagħżuħ intelligenti ħafna iżda minn dejjem chien iħobb jistudja ferm.

★

Nifraħ, b'kalbi collha, lis-Sur J. Frendo-Azzopardi, l-Assistent-Soprintendent ta'l Pulizija, talli ir-Re għamlu Cavalier ta'l Ordni ta'r-Regina Vittorja, billi collox mexa b'ūiċċ il gid; u sgur li miegħi ferħet Malta bi ħġarha collha għaliex is-Sur Frendo-Azzopardi m'hux biss hu bniedem intelligenti u li jakdi dmiru b'ir-rekka u bla preferenzi iżda li għal l-imgiba tajba tiegħu hu maħbub minn cullħadd.

Ħadu il midalja ta'l fidea is-Surgenti Ġużè Borg, Paūlu Buħagiar u Manūel Grech u għalhecc nifirħilhom b'kalbi ucoll għaliex nieħu pjacir meta nara ippremjat lil min ħakku.

★

Iż-żjara ta's-Slaten ħa pjacir biha cullħadd u dan ūera li aħna il Maltin inħobbuhom tasseū. Għal nofs mejju jigi jżur pajjisna għa't-tieni darba, l-Imperatur ta'l Germanja. Merħba bih.

★

Krajt bi pjacir cbir li f'il Congress ta'l Archeologija li sar da'l ġranet f'il Cajr ħa sehem is-Sur Napuljun Tagliaferro I. S. O., fejn tchellem fuk il ħafna ħūejjeġ antichi li sab f'il catacombi ta' Ħassaflieni, f'Raħal Ġdid. Is-Sur Tagliaferro ilu jistudja ħafna fuk l-antichità li sab hemm u b'hecc għamel unur lilu innifsu u lil pajjisu.

★

F'it-Teatru "Matteū Callus", Str: Loggia, No. 2, C. Paula il Cumpannija Filodrammatica Maltija "Matteū Callus" għal dan li staġun ta's-sajf li gej sejjra tati dan *Ir-Repertoriu* collu Ġrajja ta' Malta:—

Matteū Callus, Mannarinu, Paūlu Xara, Toni Bajjada, Cejlu Tonna, Censu Barbara Susanna, Vicu Mason, L-Irsir ta'x-Xūieni, Ġorġ il Bdot, Michele Borg, Il Conti Alagona, Giacomin Ciantar, Il Chiefrija ta' Dallas, Ix-Xbejba ta'r-Rdum, Il Għarusa ta'l Mosta, Il Cavalieri ta' Malta, Il Palazz ta'l Birgu, Frażir, Castell Sant Anġlu, Il Gran Mastru De Paula, Il Francisi f'Malta ecc. ecc.

Drammi, Tragedji, Cummiedji, Farsi, Vaūdevilles u Canzunetti.

Is-Sur P. Zarb Cousin jixtiek igħarraf lil clienti tiegħu li hu ūella il ħanut ta' fejn is-Sagristija ta' S. Paūl ta'l Belt, u għalhecc cull min icollu bżonn ta' xi ħaġa isibu f'il ħanut l-ieħor ta'n-Novità ta' Str: Teatro (taħt il Loġġa) No. 37.

★

Is-Sinjura Margherita Piscopo tixtiek tgħarraf illi hi kalghet m'il Venerabbli Chcu. Injazju Falzun (li gismu jinsab f'il Cnisja ta' Giesu ta'l Belt) il grazzja li talbitu u għalhecc titma li cull min jrricorri għandu jigi iccunslat.

# Il Melodramm Malti.

## DR: PAULU NANI.

Tūieled il Belt, f'novembru ta'l 1814, m'id-Dr: Ġuseppi u m'is-Sinjura Caterina Recaū.

Għamel l-eūūel studji tiegħu ta'l-letteratura u ta'l filosofija taħt il għaref sacerdot Ġuseppi Abela, li ūara għal għerfu u għal tjubitu chien laħak General ta't-Teresjani billi chien libes patri magħhom biex icun jista jgħaddi ħajja actar kaddisa u bogħod m'id-dinja.

Nani ta ruħu imbagħad għal l-istudju ta'l-Ligi biex isir avucat bħal missieru, u f-Dicembru ta'l 1832 ħa il-laūrja fl-Università tagħna meta chien għad għandu seū seū tmintax il sena.

Iżda il ħajra li chellu lejn il musica chienet cbira ūisk u għalhecc beda l-istudju tagħha taħt it-triegija ta'l għaref Dun Ġużepp Burlon ta'l Birgu; u f-lulju ta'l 1883 telak lejn Napli biex hemm icompli aħjar l-istudju ta' dina l-arti tant sabiħa; u hemm f'il Cunservatorju ta' S. Pietru a Majella, taħt Zingarelli, mexa ħafna il kuddiem.

F'Napli Nani tħabbeb ħafna ma'l cbir Donizetti u dana bħala turija ta' mħabbtu lejh tah bħalha rigal il pinna li biha chiteb ħafna minn dic il musica li għadha issaħħarna sa'l-lum.

Fl-1832 Nani chiteb sinfonija sabiħa ħafna u li faħħarhielu ħafna sa l-istess Donizetti.

Fl-1840 chiteb l-antifona sabiħa "*Sancte Paule*" u l-*Offertorju* u ūara ħafna musica ta'l cnejjes oħra u li għal ġmiel tagħha għadha tintgħoġob sa'l-lum.

Fl-1844 chiteb l-opra "LA MEZZANOTTE", li f'is-sena ta' ūara saret f'it-Teatru Manoel u Mons: L. Farrugia, li chiteb b'it-taljan il ħajja ta' dana is-surmast, igħarrafna li intgħoġbot ħafna u kalghet ħafna tifħir.

Iżda Nani f'loc li għamel il kalb ma chiteb katt opri għa't teatru actarx billi min jati opra tiegħu f'teatru malti jrid jitgħabba b'ħafna spejjes u tista tgħid dejjem irid jifsad fasda cherha lil but.

Fl-1879 l-Accademja Filodrammatica ta' Bolonja ħatritu bħalha Membru Onorarju tagħha bħal Surmast Compositur.

Miet f'it-22 ta' Marzu 1904 bi bronchite, mibchi minn cullħadd u meta chien laħak id-disgħin sena. Difnuh f'iċ-Cimiterju ta'l Addolorata.

Is-Surmast Nani chien imfaħħar minn cullħadd bħala pjanista m'il aħjar.

# Il Malti għal Maltin.

Għid **appa**! "Appa" b'il malti tfisser "imnieħer" u tingħad meta ŭieħed ikiegħidlec sebgħu fuk imnieħru għa'x ma jridx jatic xi ħaġa.

**Assaħħ**—fiha actar saħħa, setgħa: "Assaħħ chelmet il malti minn ħalfet is-sultan."

**Atar**—il marca li tagħmel is-siek meta timxi. "Bdejna infittxu atar ŭara atar u b'hecc ŭasalna sa'l bejta ta'l lupu."

**H'Attard.** Mnejn hu gej dan l-isem? Hemm min jifhem li gej m'il cunjom ta' xi familja Attard li chienet tokgħod hemm f'il bidu ta'l ħolkien ta'r-raħal. Il għaref Manŭel Caruana, li inkered minn fostna b'telfa cbira għal l-ilsien malti, jifhimha hecc:—"Hal" minn raħal u "Tard" minn "jitrod," "tarad," li jfissru "cheċċa il barra" billi jifhem li minn hemm xi darba il Maltin cheċċeŭ it-Toroc.

Imgebbda ftit, hux?

**Aŭl**—bidu. "Minn aŭl il-lejl" m'il bidu ta'l lejl. Illum tfisser: il lejl ta' kabel, lejliet.

**Babu**-—ragel kasir, ċchejchen. Għalhecc "vavu" gejja minn "babu." "Għandna ħdejn iż-Żurriek: "Ŭied Babu."

**Babuna ta'l barr**—camumilla salvaġġa.

**Bidni**—imgissem, *Biddieni*—min icun mogħti għa's-simna. *Il Bidni* u *Ta'l Biddieni* ifissru żeŭġ lochijiet f'Malta li fihom art tajba, kaŭŭija.

**Baħnan**—ibleħ, bla ras.

Il **Baħrija** hecc imsejjħa għaliex hi loc krib il baħar, u **baħrija** hi dic li tittajjar u iġġib l-aħbar minn fuk il baħar.

**Baħħati**—dac li għandu il vizzju misħut li jsefsef dejjem xi ħaġa ħażina contra xi ħadd. **Bħata** hi dic il ħaġa ħażina li jgħid fuk xi flien.

**Mibħut**—iccalunnjat, li fuku kalgħu xi ħaġa ħażina u li m'hux minnha.

**Tbaħbaħ**—iddokk b'il bronja jeŭ baħbuħa cbira. "Ta'l mitħna beda jbaħbaħ" igifieri beda jdokk il baħbuħa biex juri li chien sejjer jibda jitħan.

**Baħħ** -vojt, b'xejn. "Għal min hu baħħ aħjar iff inchella aħħ"; igifieri għal min ma għandux x'jilbes aħjar il għomma m'il chesha.

"Il **bocra** isseŭŭi iż-żocra" "igifieri min ibaccar għa'x-xogħol jimla żakku għaliex jakla x'jiecol seŭŭa.

**Tballas**—tħallat chif gie, gie. "Ċallas, ballas, ħażin taħdem u agħar titħallas." Ċallas tfisser iċċappas chif ħabat lakat. Mela min jagħmel xogħlu chif gie, gie ma jagħmelx ħaġa suret-in-nies u għalhecc jitħallas tagħha ħażin.

**Ballasi** dac li jagħmel xogħlu chif gie, gie. **Tiblisa**—inŭuatru pinġut chif gie, gie. "Dac il pittur ma jafx ħlief iballas".

**Balbiel** (minn 'Babel') hu dac li jgħaffeġ il cliem chif gie gie. Ingħidulu ucoll "lablab", għalchemm b'dina nifmhu actarx min jitchellem ħafna.

**Bans**—sgur. **Bansejn**—bla ebda dubju ta' xejn. "Tigi għada? Bansejn." "Beda jbannas u jaħlef li rah--beda jisgura u jaħlef li rah."

Kara **bagħari**: igifieri dac li ma jridx tiskija biex jicber: sakŭi dac li trid issakkieh u iddellu int biex jicber.

**Bagħari**—li jixgħel jeŭ jieħu in-nar malajr.

**Tbagħtar**—taħdem l-art meta tcun għadha donnha tajn ŭara ħafna xita.

**Bokkigħa**—art baxxa fejn jibka l-ilma bħal ma hu il kiegħ ta' ŭied jeŭ il conca ta'l bir.

**Tbakkat**—li għakat bħal bakta "Il ħalib mimli bkit" għokod, għokod.

**Bakkija**—bejta ta'l bakk. "Is-sodda saret bakkija ŭaħda."

**Tbakki**—issakki ħafna. Meta xi xebba tibda iżżiegħel u tagħmel il cumplimenti lil xi ġuvni biex forsi jiżżeŭŭiġha jgħidulha: "Sakki, oħti, u bakki lil dac il ħabak għadsi." "Raba imbakki"—imsokki ferm. mikkuh bl-ilma.

**Bakkar**—min irabbi il bakar biex ibiegħhom. "Ta'l Bakkara" ħdejn iż-Żurriek hu imsemmi għalhecc.

**Barrada**—lima "tobrod il ħadid."

**Brama**—ingropp fl-injam.

**Tobrom**—timbrolja, tagħmel bih li trid. "Illum baram lili u għada jiftel (jagħmel ftila) lilec."

**Tbarbar**—titchellem taħt l-ilsien li ma tiftiehemx.

**Bardan**—chiesaħ, li jagħmel il bard. Hemm loc f'Għaŭdex jismu hecc għaliex dejjem jaħchem fuku ir-rieħ.

**Barrada**—il ġarra fejn jintrafa il ħobż biex ma jitkagħbarx u jibka frisc. "Min f'rocontu għandu il barrada, jidħak b'issena farrada" (ħażina).

Dac **bin il barr**—salvaġġ, ta' kalb il muntanji. "Ħamiem ta'l barr" igifieri salvaġġ. *(Jissocta.)*

## SFORJA TA'L PAPIEF.

XVI.

## S. ZEFIRINU.

**Saltan għal sbatax il sena, xahrejn u għaxar t-ijiem. Laħak f'is-sena 203 u miet f'is-sena 220.**

Ruman u bin Abbondju. Xegħlet fi żmienu persecuzzjoni kalila u mietu martri S. Ireneŭ, Potamiena, Perpetŭa, Felicita, Revocatu, Saturninu, Saturu u ħafna insara oħra, Il Papa ma' dana il għali li beda jara l-aħjar insara jakgħu taħt il ħruxija ta'l manigoldi, ġarrab għalja cbira oħra billi il cbir Tertulljanu, li kabel chien l-acbar difensur ta't-tagħlim nisrani, kaleb u dar għal l-eresija ta' Montanu. Feraħ meta gie jarah il għaref Origene u lakgħu ħafna. Billi fi żmienu miet il chiefer Imperatur Settimu Severu ħa ftit ta'r-ruħ u ħareġ m'il catacombi; u hu chien li ordna li l-insara għandhom jitkarbnu għallanqas darba f'is-sena. Ma jafux sgur jecc mietx martri jeŭ le, u gie midfun f'iċ-cimiterju ta' S. Casllitu.

## CRONOLOGIJA TA' MALTA.

MEJJU

3—1813. Bdiet il pesta li kerdet ma'l ħames t'elef ruh.
4—1687. Saret parroċċa il Cnisja ta'n-Nadur.
5—1676. Fi żmien il pesta ta' dina is-sena saret ŭegħda li għandhom iżeŭŭġu xi xebbiet fkar.
6—1731. Giet icconsagrata il parroċċa ta' Hal Kormi.
7—1729. Giet icconsagrata il parroċċa ta H'Attard.
8—1595. Laħak Gran Mastru Fra Martin Garżes.
9—1782. Giet icconsagrata il parroċċa ta' Hal Tarxien.

# AHBARIJIET TA' BARRA.

**Il famus ġurnalista Harden** ġie iccundannat 600 marca talli infama f'il gazzetta tiegħu lil Moltke!

**Fi New York** ġara dana il fatt icreħ. Erba għonja, fosthom üieħed miljunarju, katlu lil Alfred Bossit, neguzjant għani ta'l bhejjem, u chienu arrestati f'il ħabs. Billi in-nies beżgħu li għax għandhom il flus igħadduha lixxa, ħabtu għal ħabs, u għallkuhom ma's-sakaf! Üieħed minnhom, Miller, kabel għallkuh, kala buttuna m'il kmis biered, biered u talabhom jieħduha lil martu!

**F'Berlin**, ftit ilu, chien hemm ir-riġment ta'd-Draguni lest biex joħroġ għal manuvri iżda il curunell chien għadu rieked. Laħak l-Imperatur u giegħel lil riġment jistenna sa jkum u jilbes il curunell. Meta dana ħareġ u ra l-Imperatur jistennieh inbala fih in-nifsu għaliex stenna xi ċanfira kaüüija u li jcheċċieh. Minn dan xejn; biss l-agħda l-Imperatur bagħatlu.... sveljarin!

**Fl-Inghilterra** mietu il cbir poeta Swinburne u il cbir romanzier Marion Crawford.

**F'Riġa**, f'ir-Russja, chien hemm elf u ħames mitt sajjied fuk biċċa silġ cbira kiegħdin icalaü il conzijiet. Dana il banc ta's-silġ inkata m'il art u baka sejjer ma'r-rieħ. Ma salvaüx ħlief sebgħa u tlietin!

**L-Austrija** da'l üakt icollha lesti erba "Dreadnoughts" fi Fiume. Issa x'tagħmel l-Inghilterra b'il flotta żgħira li ħalliet f'il Mediterran? Nitma li ma iddumx ma tintebaħ b'dana il periclu u iżżid il flotta ta'l Mediterran bħal kabel u b'hecc icun gid u risk għalina.

**It-Turchija** xegħlet bi rvell ta' taħt fuk u kiegħdin jitkatlu ġmielhom. Il poplu irid iüakka il Parlament li hemm illum u f'locu iridu itellgħu nies ta fehma oħra u għalhecc għamlu dimostrazzjonijiet cbar. Ir-Sultan dehirlu li għanda tgħaddi tiegħu u għalhecc kabbad l'it-truppi li jfertxu il miġmugħa iżda billi biċċa m'it-truppi fehmuha bħal poplu u żammeü miegħu il facenda tħammget seüüa billi it-truppi inkasmu biċċa ma's-Sultan u biċċa contra u saru zalzet bejniethom. Ħallas il laham Rażim Bey għax baka mejjet u xi oħrajn bakgħu feruti seüüa. Is-Sultan ħasibha aħjar meta ra hecc, biddel il Parlament u üiegħed li jaħfer lil cullħadd jecc jokogħdu cüieti u jmorru għal xogħolhom; u d'il biċċa għoġbot üisk lil cullħadd. Bakgħu mejtin xi mitt ruħ.

Iżda üara ġranet Costantinopli kamet m'il ġdid xeüüiexa üaħda u üeħlu ma ras it-Toroc l-Armeni u hafna minnhom bakgħu mejta. Il Conslu ingliż ta' Adana x'ħin mar iberred l'it-toroc fereüħ.

L-Inghilterra, Franza u l-Italja meta raü hecc bagħtu malajr il bastimenti biex isicctu l-irvell u jħarsu l-Europei; iżda it-Toroc sħan seüüa, iridu iüakkgħu l'is-Sultan u jagħmlu Republica, u'l il kassisin tagħhom kiegħdin icomplu ixeüüxu.

L-assemblea generali f'Santu Stiefnu iddecidiet li għandhom iüakkgħu l'is-Sultan u għalhecc dan ried jaħrab liebes ta' odalisca, billi daüna għandhom joħorġu b'üiċċhom imgħotti u b'hecc ħadd ma jcun jista jagħirfu.

Jingħad li it-Toroc katlu ma'l ħmistax il elf armen, üakkgħu ħames mitt dar u l'in-nies ta' Karikan kerduhom collha bi ħruxija liema bħalha għax lankas l-in-nisa u l'it-tfal ma ħalleü ħajja.

F'Costantinopli xegħlet il güerra civili igifieri ta'l aħüa m'al aħüa u kiegħdin jitkatlu sa ġo'l belt stess. Mietu xi eüropei. Is-Suldati li chienu jħarsu il Palazz ta's-Sultan chellhom iciedu u hu ħarab fuk bastiment tedesc.

Üara üaka ftit ta'l qüiet u lil min issogra jissaccheġġja katlu ħin bla üakt. F'Selimich daüc l-erba t-elef li żammeü ma's-Sultan cedeü l-armi. Saret il-ligi marzjali. Is-Sultan kiegħed f'Yiediż jara chif jirranġa m'il aħjar li jista ma'l capijiet Costituzzjonali. Iżda billi cotra cbira ta' suldati daüüru il palazz tiegħu chellu iciedi u daüc li chienu jħarsuh ħarbu; iżda geü makbudin u b'collox hemm xi għaxar t'elef prugunier. Il Ministri ta'l Parlament telku u issa kiegħdin jaħsbuha jecc għandhomx iüakkgħu l-is-Sultan m'it-tron jeü le.

# MEJJU

Hu ix-xahar ta'l ħsad. Is-sħana ta'l ajru bejjienija fih tcun ta' 19·7.C. Fih jiżgħar iż-żinżel, il basal, il għosfor, id-dielja, ir-riġnu, il bajtar ta'l Indja, il cappar u il pomocannella; isir ix-xghir, iż-żorba, il fażola, il-leüż, il cromb, il berkuk, iċ-ċiċarda, iċ-ċirasa, il chemmun, il ħjar, it-toffieh t'Adam, il kara tüil, iċ-ċicri u il cosbor; jinżgħara f'ir-raba bagħli il koton (f'it-tafli); jinġama il chemmun; jinħasad ix-xgħir; tintgħamel il china; jindires ix-xgħir; f'is-saküi u f'l ġonna jitgħarras (jittrappjanta ruħu minn loc għal ieħor) il bringiel, il bżar aħdar, il bżar aħmar, il ħabak u il kara franciż; tirmonda id-dielja u jingħażku l-agrumi.

Il proverbji ta' dana ix-xahar huma:—

"Fhiex int? l'iż-zara jgħid Mejju.
Għax naħsad sejjer imkar cont għadec plejju."
"Mejju m'irjieħ,
Cull deni jiġri fih" u għalhecc igħidulu ucoll "ix-xahar ta'd-disgrazzji."

Hu ucoll ix-xahar ta'l fjuri u ta'l ħelüa Madonna.

Min irid għal üirja ta'l bhejjem li sejjra issir il Marsa f'is-7 u f'it-8 ta' Mejju li ġej, iressak xi bhima għandu jgħarraf l'is-Sur O'Dea billi jibgħatlu ismu u cunjomu u x'bimha bi ħsiebu jressak.


## LIL L-IMSIEHBIN.

**Daüc l-imsiehbin collha ta'n-"Nahla" li jmorru jagħmlu xi ritratti jeü x'ingrandimenti għand il Fotografu Antonio Serracino ta' Strada S. Michele, Numru 22, l-Isla, għandhom** IT-TLIETIN F'IL MIJA SCONT **fuk il prezzijiet tiegħu li huma ġa irħas ħafna. Għaldac li hu xogħol cull min jaf chif jaħdem is-Sur Serracino jgħid li hu üieħed m'il l-aħjar fotografi li għandna f'Malta.**

**Tasseü li il għasel ta'n-"Nahla" hu ħelu!**

ĦAREĠ IL CTIEB SABIĦ

**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**

TA' S-SUR **ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI**, B'IL ĦAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AÜTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIĦA "SAN ĠÜANN EVANGELISTA F'PATMOS."

DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GHALCHEMM FIH FUK IL GHOXRIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEH **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN ĦA L-EÜÜEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGHBARHOMX IGIBHOMLI U JIENA NATIEH UIEHED MEHJUT U LEST. IXTRUH ĦALLI TAKRAU CTIEB TASSEU SABIĦ.

# IS-SAHHAR FALZUN.

Ħamid tbissem jidħak u ried ifehimha li jaf b'xi ħaġa, iżda f'il ħin iffaċċa Ambroġ, imbergħen u mitluf f'demmu. Dana malli lemaħ lil Ħamid ipeċlak ma's-seftura, u actarx laħak dic it-tbissima chiefra fuk xuftejn dac l-irsir karrieki ra bħal dalma tgħattilu għajnejh, silet ix-xabla u baka dieħel dritt għal fuku.

Tistgħu taħsbu x'ruħ baka fih Ħamid meta ra lil Ambroġ gej b'dic it-telfa collha contra tiegħu. Kam, beda jdur, idur ma'l bitħa u x'ħin inxteħet għarcoptejh kuddiemu b'idejh imsallba fuk sidru kallu:—

''Ja sidi aħfirli.... m'hux jien.... m'hux jien.... il Cavalier lagħabni.... oħtoc gegħlitni....''

Ambroġ, b'ir-ragħŭa f'ħalku, kallu cull ma gie ma' ilsienu contra dinu, u meta Ħamid kallu, imbażża, li hu chien li talla lil Carmena f'il camra ta'l Cavalier u li kafilha geŭŭa miegħu għaliex dan ħeddu li inchella jħallasha kares, Ambroġ sibel tant bl-icreħ, ħass dic il bxara tbiċċirlu kalbu b'tant chiefrija li venven għal ras Ħamid dakka ta' xabla hecc kaŭŭija li chiecu l-irsir ma chienx b'seba għajnejn fuku u tbaxxa chien isib ruħu minngħajrha.

Bħal leħħa ta' berka, b'għajta ta' barri fgat, Ħamid sgiċċa minn taħt Ambroġ u b'sakajh fuk rasu telak jiġri chemm jiflaħ, b'imsarnu sorra, lejn il Birgu biex igħarraf lil De Saqueville li Ambroġ m'hux biss chien jaf b'collox iżda li chien jaf ucoll oħtu fejn hija.

Ŭasal jilħeġ f'chemm ili ingħidilcom għaliex il beżgħa li Ambroġ telak jiġri ŭarajh biex joktlu compliet ħaffitlu riġlejh; u malli fetħitlu Ŭenza baka tiela fuk iżomm kalbu li b'it-tferfir chienet donnha trid toħroġ u inxteħet fuk siġġu fl-eŭŭel indana, sa iffaċċa il Cavalier li is-seftura marret sejħet minn geŭŭa.

De Saqueville, malli raħ f'dic is-sura, intebaħ x'sar u kallu:—

—''Ħamid, Ambroġ jaf b'collox.... ma bsartx li sejjer tbegħni....''

—''Le, ja sidi'' kallu Ħamid x'ħin inxteħet għarcoptejh kuddiemu, ''le, m'hux jiena.... Ġorġ.... Ġorġ.... sicher b'il flus li tajtu u bokbok collox lil Ambroġ.... u jien ballec cont sejjer inħallas il-laħam.... xejjirli dakka ta' xabla li chiecu lakatni biha chien jaħsadli rasi barra. Jien gejt ingħarrfec.... ħalli tilka ruħec.... u tara x'tagħmel biex teħles lil sidti Carmena m'il killa tiegħu....''

Ġo'l camra instama xi ħadd jolfok. Chienet Carmena li billi riedet taf x'aħbar gie biha Ħamid kamet fuk ponot subgħajha u marret ŭara il bieb tissamma.

De Saqueville, li daks li chien ħajjen daks hecc ieħor chien giefi, ħass demmu jinżel collu f'riġlejh, beda jirtogħod u jtemtem, u kallu:—

—''U issa fejn hu?... gej ŭarajc?...''

—''Jien ma nafx.... jiena ħallejtu f'il bitħa.... iżda m'hux sejjer iħalliha tgħaddi ma'r-rieħ d'il biċċa.... għala ma naraŭx chif indabbru rasna u ras sidti.... jiena chif tarani fidil dejjem miegħec....''

De Saqueville gegħlu jkum m'il art, ħadu b'it-tajjeb u staksieħ x'ŭieħed sata jagħmel biex ideŭŭi il biċċa għaliex hu ma chienx jaf fejn jati rasu.

F'il ħin tefgħet libsa fukha Carmena u ħarget bi dlielha mifrux u imħabbel fuk spallejha, b'għajnejna ħomor nar b'il bichi u x'ħin fehmet seŭŭa f'liema basla chienet tinsab għieuet xi chelma.

Fl-aħħar bakgħu li m'il actar fis li jista jcun Ħamid jieħu lil Carmena, f'caless magħluk, f'id-dar ta' San Paŭl-ta't-Tarġa u jokgħod għassa magħha biex jecc Ambroġ jinżel ifittixha il Birgu ma jsibhiex, hemm; u li malli jroxx id-dlam jitla chischnijiet il Cavalier biex b'il-lejl jiftehmu aħjar x'għandhom jagħmlu.

U hecc sar.

***

Ambroġ malli is-seftura giet tilħeġ u kalet li Patri Taljana chien telak ŭarajha biex jara jilħkux ħaj bagħatha malajr għand Marija biex tfehimha ftit x'għaŭġ inkala u għala ma raġax mar ħdejha u ħalliha bħal l-erbgħa fost il gimgħa. U is-seftura billi ratu jvenven dik id-dakka ta' xabla lil Ħamid ma ħallietux itenni darbtejn li ma jmurx iŭebblu il għafrid li hi chienet taf b'xi ħaġa u teħel ma' rasu.

Marija meta semgħet f'hiex sab ruħu Ambroġ, x'għamlet Carmena u xi ġralu il Hachem tbiccmet u bdiet trodd isslaleb. Għal ftit insiet il għali tagħha u xtieket li ma chelliex l-ommha f'nofs il camra biex tmur issib lil dac il chiefer u karrieki Cavalier ħalli tbiċċirlu kalbu, dic il kalb misħuta li għal capriċċi faħxin tagħha għamlet tant ħsara, gelbnet tant dmugħ u seŭŭbet tant imrar kazil fuk ħafna nies bla ħtija.

Malli, xi erba siegħat ŭara geŭ u ħadu l-ommha, tleffet seŭŭa go'l għonnella biex ħadd ma jagħrafha u telket ġirja ŭaħda għal għand il Hachem. Iżda il Hachem chien ġa mejjet.

Patri Damjan Taljana ucoll chemm chemm laħku, u ŭara li ŭera b'is-sinjali l-indiema ta' dnubietu, ħafirhomlu għal Alla, miet b'idu f'idejn Ambroġ, li għarcoptejh ma, genbu, b'id-dmugħ ħiemed jiċċarċar ma' ħaddejh, dac il ħin chien donnu bla ras, bla kalb u ma jafx x'inhu jagħmel.

Biss meta ħass id misseru ticsaħ u tiebies f'idu, meta sama lil Patri Damjan ighedŭec it-talba ta'l mejtin, meta it-tabib Xara li daħal jiġgħeġ kallhom li hu mejjet u is-Sur Kalamias infexx jolfok, raġa ħass demmu tiela għal rasu, raġa ftacar f'Carmena u f'De Saqueville u f'il chiefrija tagħhom li kerdulu lil missieru u tebbgħulu ismu, f'il ħin li bieslu għal darba, tnejn idu u xarrabielu b'id-dmugħ ħalef ġo kalbu li għandu jitħallas minnhom u jitħallas bl-icreħ.

U hecc għamel.

***

*(Jissocta.)*



# Logħob.

Ix-Xarada ta'n-numru 31 chienet:— PA - TA - TA.

Fissruha tajjeb: G. Grixti-Gudja; Stella Baldacchino-Ħal Kormi; C. Sant-Ħal Chircop; F. Sultana-Ħamrun; G. Calleja Imghieret; L. Ellul-Ħal Chircop; Gna: Croce Schembri-Sliema; u Salv: Agius il Belt.

★

L-Indovinalja ma fissirha tajjeb ħadd biss F. Said ta' Ħal Tarxien intebaħ fejn hu it-tifsir tagħha igfieri li hi f'id-differenza ta'l ħin. Meta fl-Indja jcunu id-disgħa ta' f'il għodu fl-America jcunu għadhom l-erbgħa u għalhecc b'telegramma tista tasal l-aħbar u tistampa ruħha sa't-tmienja.



L'ISTITUT TA'S-SUR BORG

*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imŭaŭkaf fl'1888 jinsab f'ŭiehed m'il ħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab iffreqŭentat minn Fizzjali NAVALI U MILITARI, u m'il aħjar tfal ta't-3 Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.

Jintgħata cors regolari ta l-lingŭa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Religjon.

Min irid jixtri linca ta'l istampa, seŭda jeŭ ta'l culur, ta' Lorilleux, b'irħis; u min irid jixtri torchju sabiħ ħafna bi prezz ħelu jicteb jeŭ jitchellem ma'd-Direttur ta'n-"Naħla" u jiftihem sgur.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'l aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Gdid u ma jibdielcomx.

In-neguzjant u ħajjat Giovanni Valenzia ta' Bormla għadu chemm ircieva assortiment cbir ta' casimiri, flanelli, alpaca u ta' drappijiet oħra m'il aħjar; u javża li jagħmel ilbiesi minn lira u tnax il xelin il fuk. Min irid jixtri id-crapp biss ibegħlu ucoll. Collox irħis u iggarantit.

Għand is-Sur Guże Mallia, ta'Strada Santa Lucija, 47 il Belt jinsab għal bejħ imbit m'il aħjar bi prezz li jakbel għal cullħadd. Ta'l kuddiesa jimbiegh xelin u disa soldi il qŭarta u l-ieħor xelin u nofs.

Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ifiek f'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'Elixir ta' S. Vincenz de Paoli.**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn. Cull min jaf jakra b'it-taljan, bl-ingliż jeŭ b'il francis u jrid xi ctieb li jitħaddet actar f'it-tul fuk dana l-Elixir ta'l għageb imur għand **l-Ispiżjar ALFREDO BORG**, 267, Str: S. Rjali, il Belt u li hu l-Agent u id-Depositarju tiegħu u jatih bla ħlas ta' xejn.
Ippruvaŭh gid jagħmlilcom sgur.

GHA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktuħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn icolloc dic il marda li jsejħula

NEVRASTENIJA

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ tagħmillec ħafna gid hi

L-ANTINEVROTICU

TA'L

PROF: DE GIOVANNI

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il l-aħjar tobba ta'l Italja. Timbieħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min irid jixtri

CAUCAU

m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfahhra

BENSDORP

ghand il maghrufa minn cullhadd

C. CAMILLERI & SONS

TA' STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.


**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn isir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**